**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Elliot Paul Busuttil**

**Illum, 20 ta' Marzu 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Elliot Paul Busuttil**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 106084(M)

Akkuzat talli:

nhar l-20 ta' Marzu 2018, waqt li kien f'San Pawl il-Bahar:

1. Zamm fil-pussess tieghu, garr 'il barra minn xi fond jew d'intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija minghajr il-licenzja jew permess tal-Kummissarju tal-

Pulizija, bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fix-xahar ta' Marzu 2018, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja hekk kif imposti lilu nhar it-8 ta' Frar 2018 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. bi ksur tal-Artikolu 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli fil-ġranet, ħinijiet u cirkustanzi imsemmija qabel, ikkometta reati waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza mogħtija nhar il-25 ta' Jannar 2018 mil-Magistrat Dott. Ian Farrugia LL.D. bi ksur tal-Artikolu 28B et tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. ukoll talli fid-data, lok u ħin imsemmi qabel, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod iehor bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' ħtija tqis lil Elliot Busuttil bħala recediv u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Elliot Paul Busuttil rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll is-serjetà tar-reati minnu kommessi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 28B, 49, 50, 338(m), 579(1), (2), (3), tal-Kap. 9 u l-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib u tiddikjara lill-imputat Elliot Paul Busuttil hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah fuq l-ewwel akkuza multa ta' mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuza tikkundannah komplessivament il-piena ta' disa' xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin illi l-imputat jinzamm fis-sezzjoni Forensika tal-Isptar Monte Carmeli matul iz-zmien li jkun qed jiskonta l-piena tieghu, fejn ghandu jkun segwit minn team professjonali sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega biex isolvi l-problemi li jirrizulta li ghandu wara evalwazzjoni appozita u sabiex ukoll isegwi programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur